# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-31 ta' Ottubru 2014**

**li f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gas-sijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017 għal kull produttur jew importatur li jkun irrapporta t-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi skont ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 7920)*

**(It-testi Bulgaru, Ċek, Kroat, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven u Spanjol biss huma awtentiċi)**

(2014/774/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni ta' mill-inqas 100 tunnellata ta' ekwivalenti għal $CO_2$ ta' idrofluworokarburi mill-produtturi jew mill-importaturi huwa suġġett għal limiti kwantitattivi sabiex jiġi żgurat it-tnaqqis gradwali tagħhom.

(2) Il-Kummissjoni hija meħtieġa tiddetermina dawk il-limiti kwantitattivi u talloka l-kwoti għal kull produttur u importatur.

(3) Għall-perjodu mill-2015 sal-2017, l-allokazzjoni tal-kwoti għall-produtturi u l-importaturi li rrapurtaw dejta skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tkun determinata abbażi ta' valuri ta' referenza individwali.

(4) Il-valuri ta' referenza jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-medja annwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi li l-produtturi jew l-importaturi rrapportaw li jkunu qiegħdu fis-suq mill-2009 sal-2012, filwaqt li jiġu esklużi l-kwantitajiet tal-idrofluworokarburi għall-użu msemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 matul l-istess perjodu, abbażi tad-dejta disponibbli.

(5) Id-determinazzjoni tal-valur ta' referenza hija limitata mir-restrizzjonijiet tad-dejta rrapportata skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 842/2006.

(6) Il-kalkolu tal-valuri ta' referenza abbażi tad-dejta rrappurtata rriżulta fi kwantitajiet negattivi għal xi impriżi. Għal-hekk, jtiqies li dawn l-impriżi ma rrappurtawx it-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq mill-2009 sal-2012. Huma jistgħu jiksbu kwota skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

(7) Il-valuri ta' referenza għall-produtturi u l-importaturi għandhom jiġu kkalkolati mill-ġdid kull tliet snin mill-2017 sabiex ikun żgurat li l-impriżi jithallew ikomplu l-attivitajiet tagħhom abbażi tal-volumi medji li qiegħdu fis-suq fis-snin immedjatament preċedenti. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

([1]) ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195.

([2]) Regolament (KE) Nru 842/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar ċerti gassijiet serra flworinati Test b'rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1).

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Determinazzjoni tal-valuri ta' referenza**

Għall-fini tal-allokazzjoni tal-kwota, il-valuri ta' referenza għal kull importatur u produttur għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, ikkalkulati abbażi tad-dejta rrappurtata f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 842/2006 billi jitnaqqsu mill-medja annwali tal-kwantitajiet ta' idrofluworokarburi (gassijiet fi kwantitajiet kbar) li tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' bejn l-2009 u l-2012 il-kwantitajiet totali ta' idrofluworokarburi (bulk gassijiet) koperti mill-eżenzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għal dak il-perjodu ta' żmien, fejn id-dejta hija disponibbli.

Il-medja annwali tal-gassijiet bil-kwantità mqiegħda fis-suq tal-Unjoni msemmija f'dan l-Artikolu ġie kkalkulat billi jitnaqqsu mill-kwantitajiet totali annwali ta' idrofluworokarburi (bulk gassijiet) prodotti u importati fis-suq tal-Unjoni, il-kwantitajiet totali ta' idrofluworokarburi (bulk gassijiet) esportati mis-suq tal-Unjoni, filwaqt li jitqies il-bilanċ fl-aħħar tas-sena tal-istokkjijiet ta' gassijiet.

*Artikolu 2*

**Perjodu ta' validità**

Id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2015 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2017.

*Artikolu 3*

**Indirizzati**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil dawn l-impriżi:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | A-Gas (UK) Ltd<br>Banyard R., Portbury West<br>BS20 7XH Bristol<br>Ir-Renju Unit | 2 | ALCOBRE, S.A.<br>C/Luis I, Nave 6B<br>28031 Madrid<br>Spanja |
| 3 | ALDIFRIO-Sociedade de Equipamentos de Frio e Ar Condicionado, Lda<br>Rua Principal Lote 17 cv<br>Bairro Estacal Novo<br>2690-226 Santa Iria Azoia<br>Il-Portugall | 4 | Andreas I. Kannas & Sons Ltd<br>46 Kallipoleos Av<br>1071 Nicosia<br>Ċipru |
| 5 | Arctica Ref OÜ<br>Pärnu mnt.139E/12<br>11317 Tallinn<br>Harjumaa<br>L-Estonja | 6 | ARKEMA France<br>420 rue d'Estienne d'Orves<br>Colombes cedex<br>92705<br>Franza |
| 7 | ARKEMA Quimica S.A.<br>Avda de Burgos 12<br>28036 Madrid<br>Spanja | 8 | Arthur-Friedrichs Kältemittel GmbH<br>Bei den Kämpen 22<br>21220 Seevetal<br>Il-Ġermanja |
| 9 | Bang & Bonsomer Estonia Ltd.<br>Järvevana tee 9 F<br>11314 Tallinn<br>L-Estonja | 10 | BLYE ENGINEERING CO LTD<br>Naxxar Road<br>San Gwann<br>SGN 9018<br>Malta |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 11 | BOC Ltd UK<br>The Surrey Research Park,<br>10 Priestley Road<br>Guildford, Surrey<br>Ir-Renju Unit | 12 | BULK H24 DI PAVAN DANIELE E C.<br>10 Via Carro Maggiore<br>20060 Mediglia<br>L-Italja |
| 13 | Calorie fluor<br>15 Rue Henri Brisson<br>34500 Beziers<br>Franza | 14 | CARTESIO SRL<br>Via Volta, 19<br>20837 Veduggio Con Colzano<br>L-Italja |
| 15 | Centrum Klima S.A.<br>ul. Sochaczewska 144,<br>Wieruchów<br>05-850 Ożarów Mazowiecki<br>Il-Polonja | 16 | D. Maniadis — N. Tairis Ltd<br>117-119 Aghialou str<br>18544 Piraeus<br>Il-Greċja |
| 17 | DUPONT DE NEMOURS (Nederlands) B.V.<br>Baanhoekweg 22<br>Dordrecht 3313 LA<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi | 18 | ELETANCO A.E. LTD<br>Christou Samara 8<br>Limassol<br>3050<br>Ċipru |
| 19 | Envasado Xiomara S.L.<br>Pol. Ind. La Torrecilla Chica, 6<br>Yeles, Toledo<br>45220<br>Spanja | 20 | Equinoxe Kft<br>Gubacsi u. 24, Citypoint 9, Business Park Building A<br>1097 Budapest<br>L-Ungerija |
| 21 | ESTO Cheb s.r.o.<br>Palackého 2087/8a<br>350 02 Cheb<br>Ir-Repubblika Ċeka | 22 | ETIS d.o.o.<br>Tržaška 333<br>1000 Ljubljana<br>Is-Slovenja |
| 23 | Eurotech Fire Protection Ltd.<br>Unit 6 The Business Centre<br>RG412QZ Wokingham<br>Ir-Renju Unit | 24 | Ferrotec GmbH<br>Seerosenstr. 1<br>72669 Unterensingen<br>Il-Ġermanja |
| 25 | FIBRAN s.a.<br>Terpni<br>622 00<br>Il-Greċja | 26 | Foosung Slovakia s.r.o.<br>L. Stura 1030/74<br>1901 Ilava<br>Is-Slovakkja |
| 27 | Frigo Chem Ltd.<br>Lotos 22 Str.<br>4006 Plovdiv<br>Il-Bulgarija | 28 | FRIGO KOR<br>Majstorska 11<br>10000 Zagreb<br>Il-Kroazja |
| 29 | Frigo Plus d.o.o<br>Ljudevita Posavskog 8<br>10360 Sesvete<br>Il-Kroazja | 30 | Frigocommerce International Ltd.<br>Dunav Blvd. 79 A<br>4003 Plovdiv<br>Il-Bulgarija |
| 31 | Friogas, S.A.<br>Poligono Industrial Sepes, Parcela 10<br>46500 Sagunto<br>Spanja | 32 | Galco S.A.<br>Avenue Carton de Wiart 79<br>1090 Brussels<br>Il-Belġju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 33 | Gases: Research, Innovation & Technology SL,<br>Pol. Ind. El Punsic parcela 8,3 CP<br>08279 Avinyo<br>Spanja | 34 | Gas-Servei<br>Motores, 151-155 nave nº 9<br>8038 Barcelona<br>Spanja |
| 35 | General Gas S.r.l<br>Via Aosta, 5<br>20063 Cernusco S/N<br>L-Italja | 36 | GHC Gerling, Holz & Co. Handels GmbH<br>Ruhrstr. 113<br>22761 Hamburg<br>Il-Ġermanja |
| 37 | GREENCHEMICALS srl<br>Via G.DE Chirico, 4<br>20900 Monza<br>L-Italja | 38 | HARP International Limited<br>Gellihirion Industrial Estate<br>Pontypridd, Rhondda Cynon Taff<br>CF37 5SX<br>Ir-Renju Unit |
| 39 | Heatron Co. Ltd<br>153, Yiannou Kranidioti Avenue<br>2231 Latsia<br>Ċipru | 40 | Honeywell Fluorine Products B. V.<br>Laarderhoogtweg 18<br>1101 EA Amsterdam<br>Il-Pajjiżi l-Baxxi |
| 41 | Ingle AS<br>Ingliste küla Kehtna vald<br>79004 Raplamaa<br>L-Estonja | 42 | Linde AG Geschäftsbereich Linde Gas<br>Seitnerstr. 70<br>82049 Pullach<br>Il-Ġermanja |
| 43 | LINDE GAS ITALIA S.r.l.<br>Via G. Rossa, 3<br>20010 Arluno (MI)<br>L-Italja | 44 | Linde Gaz Polska Sp. z o.o.<br>al. Jana Pawła II 41a<br>31-864 Kraków<br>Il-Polonja |
| 45 | LORENZI MICAELA<br>Via Volta, 19<br>20837 Veduggio Con Colzano<br>L-Italja | 46 | Mariel Srl<br>Via Olubi,5<br>28013 Gattico (NO)<br>L-Italja |
| 47 | MATERO Ltd<br>22 Nikis Ave.<br>1664 Nicosia<br>Ċipru | 48 | MB Frigo Grupa d.o.o.<br>Bani 81<br>10010 Zagreb<br>Il-Kroazja |
| 49 | Mexichem UK Limited<br>The Heath Business & Technical Park<br>Runcorn, Cheshire<br>WA7 4QX<br>Ir-Renju Unit | 50 | Moralte OÜ<br>Ravila 53e<br>Tartu<br>51011<br>L-Estonja |
| 51 | National Refrigerants Ltd<br>6 Stanley Street<br>Liverpool<br>L1 6AF<br>Ir-Renju Unit | 52 | Odisey 71 Ltd<br>57 Vasil Drumev str<br>9002 Varna<br>Il-Bulgarija |
| 53 | Odisey Trade Ltd<br>57 Vasil Drumev str<br>9002 Varna<br>Il-Bulgarija | 54 | Polymer Insulation Products NV<br>Industrielaan 9<br>9990 Maldegem<br>Il-Belġju |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 55 | REMEDICA Ltd<br>Aharnon 4<br>3056 Limassol Industrial Estate<br>Ċipru | 56 | REVERS Ltd<br>Katlakalna 4C<br>LV1073 Riga<br>Il-Latvja |
| 57 | S.C. LINDE GAZ ROMANIA S.R.L.<br>Strada Avram Imbroane Nr 9<br>Timişoara, judeţul Timiş<br>300136<br>Ir-Rumanija | 58 | Savi Inwestycje Sp. z o.o.<br>ul. Wołowska 2<br>55-120<br>Oborniki Śląskie<br>Il-Polonja |
| 59 | Sc. Electrocandy Srl.<br>Iasomiei 56 A<br>410174 Oradea<br>Ir-Rumanija | 60 | Settala Gas S.p.A.<br>Viale delle Industrie n°18<br>Settala<br>20090<br>L-Italja |
| 61 | SILCO D.O.O.<br>Sentrupert 5a<br>3303 Gomilsko<br>Is-Slovenja | 62 | Simat Prom d.o.o.<br>Rudeska cesta 96<br>10 000 Zagreb<br>Il-Kroazja |
| 63 | Sinteco S.R.L.<br>Via IV Novembre n. 51<br>28065 Cerano (NO)<br>L-Italja | 64 | Soc. Port. do Arlíquido, "Arlíquido", Lda.<br>Rua Dr. António Loureiro Borges, 4 — 2°, Arquipar-que, Miraflores<br>Algés<br>1495-131<br>Il-Portugall |
| 65 | SOLQUIMIA IBERIA, S.L.<br>C/Paraguay 4 (P.I. Centrovia)<br>50198 La Muela<br>Spanja | 66 | Solvay Fluor GmbH<br>Hans-Böckler-Allee 20<br>Hanover 30173<br>Il-Ġermanja |
| 67 | Solvay Bario E Derivati S.p.A.<br>84 Via Degli Olivetti<br>Massa<br>54100<br>L-Italja | 68 | Solvay Fluorés France<br>25 rue de Clichy<br>Paris<br>75009<br>Franza |
| 69 | Solvay Specialty Polymers France SAS<br>Avenue de la Republique<br>Tavaux<br>39501 Tavaux Cedex<br>Franza | 70 | Systherm D. Gazińska s.j.<br>ul. św. Wincentego 7<br>61003 Poznań<br>Il-Polonja |
| 71 | TAIRIS AEVE<br>68 Petrou Ralli str<br>12241 Egaleo<br>Il-Greċja | 72 | Tazzetti S.p.A.<br>Corso Europa 600/A<br>Volpiano (TO)<br>10088<br>L-Italja |
| 73 | Tazzetti, S.A.U.<br>Calle Roma 2<br>Torres de la Alameda<br>28813<br>Spanja | 74 | Tepostop<br>Pardubicka 1777<br>Prelouc<br>53501<br>Ir-Repubblika Ċeka |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 75 | Termo Schiessl Sp. z o.o.<br>ul. Raszyńska 13<br>05-500 Piaseczno<br>Il-Polonja | 76 | TOPOX-FOAM, S.L.<br>POL. IND. EL MAS VELL C/DE L'OLI S/N<br>Vallmoll, Tarragona<br>43144<br>Spanja |
| 77 | Vrec<br>Kosouth U-12<br>Szatymaz<br>6763<br>L-Ungerija | 78 | Westfalen AG<br>Industrieweg 43<br>Münster 48155<br>Il-Ġermanja |
| 79 | WIGMORS<br>ul. Irysowa 5<br>51-117 Wrocław<br>Il-Polonja | | |

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Ottubru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Connie HEDEGAARD
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

Il-valuri ta' referenza ([1]) għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2017 għal kull produttur u importatur li rrapportaw li qiegħdu fis-suq tal-idrofluworokarburi mill-2009 sal-2012

Il-valur ta' referenza (RV) jiġi kkalkolat skont il-formula li ġejja:

RV = il-medja [2009-2012] (POM – ex)

Il-(POM – EX) huwa determinat kull sena u mbagħad tittieħed il-medja tul il-perjodu ta' 4 snin

fejn:

— POM, jirreferi għall-gassijiet fi kwantitajiet kbar mqiegħda fis-suq. POM = P + I – E + Δs, fejn: P: il-produzzjoni, I: l-importazzjonijiet, E: l-esportazzjonijiet diretti, Δs: id-differenza fl-aħħar tas-sena tal-istokkijiet, jiġifieri l-istokkijiet fl-1 ta' Jannar 20xx – l-istokkijiet fil-31 ta' Diċembru 20xx

— EX, jirreferi għall-gassijiet fi kwantitajiet kbar koperti minn eżenzjonijiet skont il-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament abbażi tad-dejta disponibbli.

([1]) (Tagħrif kummerċjalment sensittiv — kunfidenzjali — ma jistax jiġi ppubblikat).